MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 762/2001/1

**Tony Mallia Bonello**

**v.**

**Angelo Xuereb (Construction) Limited**
**illum AX Construction Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Mejju, 2001 l-attur ippremetta illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tieghu fl-ammont ta’ sebat elef lira Maltin (LM7,000) jew kull ammont ikbar verjuri rapprezentanti bilanc dovut fuq il-prezz ta’ xoghol ta’ appalt li sar kemm fl-Industrial Estate ta’ l-Imriehel, kif ukoll f’Paola Hill, Paola, liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, flimkien ma’ l-imghax relattiv ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont mid-data ta’ meta dan id-dejn kien dovut; illi minkejja interpellata biex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta’ l-attur, is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talba ta’ l-istess attur; dan premess l-attur talab li s-socjeta` konvenuta tghid l-ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex, dispensat is-smigh tal-kawza skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u in vista ta’ l-affidavit guramentat anness u mmarkat bhala Dok A:

(1) tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh;

(2) tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta’ l-attur fl-ammont ta’ sebat elef lira Maltin (LM7,000) jew kull ammont ikbar verjuri, flimkien ma’ l-imghax relattiv ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont mid-data ta’ meta dan id-dejn kien dovut;

(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ sebat elef lira Maltin (LM7,000) jew kull ammont ikbar verjuri rapprezentanti bilanc dovut fuq il-prezz ta’ xoghol ta’ appalt li sar kemm fl-Industrial Estate ta’ l-Imriehel, kif ukoll f’Paola Hill, Paola, liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, flimkien ma’ l-imghax relattiv ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont mid-data ta’ meta dan id-dejn kien dovut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-

interessi legali kontra s-socjeta` konvenuta, li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-6 ta' Lulju, 2001 is-socjeta` konvenuta, debitament awtorizzata b'digriet tas-26 ta' Gunju 2001, eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici (sic) huwa eccessiv.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont in kwistjoni huwa kkontestat u dan stante li parti mill-ammont pretiz diga` gie imhallas precedentement filwaqt li parti ohra u cioe` LM2,500 jirrapprezentaw penali minhabba dewmien fix-xogholijiet li ghandhom jigu mnaqqsa;

3. Illi ghaldaqstant u minghajr pregudizzju l-ammont dovut huwa ta' LM3,224.75 li s-socjeta` konvenuta offriet li thallas *in full and final settlement* izda dan gie rifjutat mill-attur.

4. Illi s-socjeta` konvenuta kontestwalment qed tipprezenta Avviz fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) peress li l-kontrotalba testendi l-gurisdizzjoni u mhux il-kompetenza in vista ta' l-amendi ntrodotti recentement rigward il-kompetenza u ghaldaqstant is-socjeta` attrici qed titlob is-soprasessjoni minn din il-Qorti jew taghti direttivi sabiex dawn iz-zewg kawzi jigi [recte: jigu] ko-ordinati.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tad-29 ta' Mejju, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u laqghet t-tieni u tielet talbiet attrici kif ridotti pprovdiet billi:-

1) iddikjarat lis-socjeta` konvenuta debitrici ta' l-attur fl-ammont ta' tlett elef, mija u hmistax-il lira Maltin (LM3,115) flimkien ma' l-imghax relattiv ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont tad-[recte: mid-] 9 ta' Frar 2001;

2) ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef, mija u hmistax-il lira Maltin (LM3,115) bilanc dovut fuq il-prezz ta’ xoghol ta’ appalt li sar kemm fl-Industrial Estate ta’ l-Imriehel, kif ukoll f’Paola Hill, Paola, liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, flimkien ma’ l-imghax relattiv ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont mid-data tad-9 ta’ Frar 2001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici u bl-imghaxi[jiet] legali mid-data tad-9 ta’ Frar 2001 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijeiet:-

“Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in kwistjoni huma s-segwenti:

“Illi s-socjeta` konvenuta AX Construction Limited hadet kuntratt mal-klijent taghha Carmelo Micallef ghall-bini fl-Imriehel ta’ *warehouse* u xoghol iehor ta’ Paola Hatchery. Illi s-socjeta` konvenuta dahlet f’sub-appalt ma’ l-attur Tony Mallia Bonello ghax-xoghol tal-gebel u xoghol zghir ta’ concrete. Il-planki, minhabba li jipproducuhom huma, zammewhom f’idejhom. Illi kien hemm kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza odjerna (vide Dok TMB 1 a fol. 33 tal-process) fejn gie specifikat ix-xoghol li kellu jsir, ir-rati tal-hlas, meta kellu jibda x-xoghol u meta suppost kellu jitlesta u klawsoli ohrajn li jirregolaw ir-relazzjoni ta’ bejniethom.

“Illi li gara kien li effettivament ix-xoghol fuq il-progett ta’ l-Imriehel tlesta ferm wara Marzu 2000 meta suppost tlesta u dan mhux kontestat. Kwindi meta l-attur ipprezentalhom il-kont bil-konteggi maghmula u vverifikati minn Wilfred Gauci s-socjeta` konvenuta sostniet fl-ewwel lok li kien hemm xi diskrepanzi fil-kejl u hemm il-kwistjoni tal-1% *measurement fee* li s-socjeta` konvenuta qed tippretendi. Illi fit-tieni lok, u kif spjega wkoll Angelo Xuereb, is-socjeta` konvenuta minhabba li Carmelo Micallef ippretenda l-penali minhabba li x-xoghol ma tlestiex fi zmien stipulat, iddecidiet li twahhal parti mill-penali lill-

attur. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li d-dewmien kien minhabba n-nuqqas ta' l-attur ghax ma kellux nies bizzejjed jew makkinarju almenu kellu imqar ibati parti mill-multa. Dan ghalkemm l-attur ighid li kien hemm diversi ragunijiet fosthom il-problema ta' l-ilma u n-nuqqas ta' planki.

"Illi originarjament il-multa li kienet se tehel is-socjeta` konvenuta kienet sa tkun ta' LM8,500. Imgbaghad wara diskussjonijiet Carmelo Micallef qabel ma' Angelo Xuereb li jnizzilha ghal LM5,000. B'hekk is-socjeta` konvenuta, wara li kellmet lill-attur biex jipprovaw jirrangaw, iddecidiet unilateralment li twahhlu nofs il-multa mposta fuqha cioe` LM2,500. B'hekk zammet dan l-ammont ghaliha u naqqsitu mill-ammont dovut minnha lill-attur. Hawnhekk jinghad li fic-citazzjoni t-talba kienet ta' LM7,000 izda fil-mori tal-kawza giet ipprezentata nota ta' riduzzjoni *stante* pagament ta' LM3,000.

"Illi minn Dok. TMB 1 (a fol. 33 tal-process) li hu kuntratt ghas-sub-appalt bejn il-partijiet fil-kawza hemm it-termini tal-pagament. Illi minn imkien ma tirrizulta xi klawsola li kienet tipprovdi ghal penali f'kaz ta' dewmien. Dan hu ammess anke mid-diversi xhieda prodotti mis-socjeta` konvenuta. Ir-ragunament taghhom hu fis-sens illi huma wehlu multa ghax ix-xogholijiet damu minhabba l-attur u kwindi jsostnu li huwa ghandu johrog parti minnha. Illi pero` s-socjeta` konvenuta fil-kuntratt taghha ma' Carmelo Micallef kellha specifikat li s-socjeta` konvenuta kienet se tehel penali f'kaz li l-progett ma jkunx lest fiz-zmien stipulat. Kwindi s-socjeta` konvenuta kienet a konoxxenza minn qabel li kien hemm l-possibilita` li tehel penali f'kaz ta' dewmien izda hija xorta wahda, ghal xi raguni jew ohra, li ma tinkludix klawsola li tistipula penali f'kaz ta' dewmien. Illi la darba ma ghamlitx dan issa ma tistax targumenta li ghax kienu wissew lill-attur li huma kienu qed jehlu l-penali u kienu se jzommuh responsabbli dan ghandu jehel xi haga huwa. Ladarba s-socjeta` konvenuta ma specifikatx fil-kuntratt li ghamlet ma' l-attur li huwa kellu jehel penali issa ma tistax targumenta li huwa ghandu jbati maghha. Jinghad ukoll li apparti l-punt importanti li kien hemm kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn

il-partijiet, minn imkien ma rrizulta li qatt kien hemm diskors fuq hekk. Is-socjeta` konvenuta qalet li kienu wissewh izda b'daqshekk biss din il-Qorti ma tistax tikkundannah biex jehel penali ghax ma kienx hemm ftehim f'dan is-sens. Ladarba l-partijiet ghazlu li jirregolaw ir-relazzjoni taghhom b'kuntratt kull parti kellha turi l-intenzjoni taghha b'mod car fih u tigi specifikata u stipulata, ghax fil-kuntrarju jkun ifisser li l-kuntratt ikun sar ghal xejn.

"Illi fil-fatt huwa l-stess ftehim li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet u minn din l-iskrittura jirrizulta li ma sar l-ebda ftehim dwar penali u dan apparti li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attur b'xi mod ta' l-kunsens tieghu ghall-imposizzjoni ta' l-istess penali. Dan iffisser li din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ma tistax tigi accettata.

"Illi dan huwa konsegwenza ukoll tal-principju generali fil-ligi u senjatament dak li hemm stipulat fl-**Artikolu 1002 tal-Kodici Civili** li jghid li "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni."*

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."* (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**)

"Illi kif inghad fis-sentenza "**"General Cleaners Co Ltd vs Attorney General"** (P.A. (RCP) deciza fid-29 ta' Novembru 2001 – Cit Nru 2487/97/RCP) fejn giet citata d-decizjoni ndikata ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu."* (Vol. XXXIV. P. III. p. 746)

"Illi ntqal inoltre li "Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet. *Vol. XXIV. P. I p.27) "omissis".

"Illi jirrizulta, u din hi anke *r-ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' jkun hemm ebda effett. Dispozizzjoni li tirrifletti l-principju "*in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".*

Illi abbazi ta' dawn il-principji din il-Qorti sejra wkoll tezamina l-kwistjoni li nqalghet bejn il-partijiet dwar il-1% *measurement fee*, u jigi nnutat li dwar l-istess dritt l-istess skrittura qed tirreferi ghaliha taht it-titolu ta' *payments* u wkoll li fejn tissemma l-percentwali ta' *surveying measurement fees* id-dicitura hija li tali ammont ghandu jigi "*retained*", u ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti u bil-mod kif gie redatt l-istess kuntratt, tali ammont gie kwalifikat bhala *retention* u ghalhekk isegwi li wara certu zmien l-istess ammont hekk mizmum kellu jintradd lura u mhux jinzamm bhala hlas.

"Illi huwa veru li s-socjeta` konvenuta spjegat permezz tax-xhieda prodotti minnha li din hija l-prattika normali fl-industrija tal-bini, kif ukoll jirrizulta li l-attur in kontro-ezami f'nifs wiehed qal li l-1% hadd ma cahadielhom u f'nifs iehor xehed li mhux dak kien il-ftehim. Illi pero` ghalkemm hemm din l-inkonsistenza, din ma twassalx ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha s-socjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li l-attur mhux qed jopponi ghal dan it-tnaqqis min-naha tas-socjeta` konvenuta.

"Illi fl-opinjoni tal-Qorti mill-mod kif redatt il-kuntratt jirrizulta li tali percentagg ghall-kejl gie indikat u nkluz

bhala parti mir-*retention fee* bil-konsegwenza li l-istess ammonti ta' flus mizmuma kellhom jigu ritornati jew imhallsa mill-attur fi zmien erba' xhur mit-tkomplija ta' l-istess xogholijiet, u dan anke ghaliex fl-istess skrittura m'hemm ebda indikazzjoni li tali percentagg ta' drittijiet kellu jithallas mill-attur, u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta qed tigi rigettata.

"Illi min-naha l-ohra, dwar is-somma ta' LM200 minhabba t-tindif tas-sit dan l-ammont ghandu jitnaqqas mit-talba ta' l-attur ghax fil-kuntratt hemm specifikat (klawsola Nru 2(e)) li jekk it-tindif ma jsirx mis-sub-appaltatur dan isir mis-socjeta` konvenuta u l-ammont koncernat ghandu jigi dedott mit-talba attrici kif ridotta.

"Illi mbaghad hemm l-ammont ta' LM685 li s-socjeta` konvenuta ssostni li kien hemm *over-measurmenets* min-naha ta' Tony Mallia Bonello fil-progett ta' l-Imriehel. Illi gewipprezentati diversi dokumenti u diversi xhieda biex jissostanzjaw dan l-ammont. Inoltre Wilfred Gauci ukoll xehed fis-sens li kien hemm diskrepanzi zghar bejn il-partijiet fuq il-kejl. Kwindi ladarba d-diskrepanza fil-kejl giet ippruvata dan l-ammont ghandu wkoll jitnaqqas.

"Illi b'hekk it-talba kif ridotta ta' LM4,000 li minhhom ghandhom jitnaqqsu l-ammonti ta' LM685 + LM200; u konsegwentement l-ammont dovut lill-attur mis-socjeta` konvenuta huwa ta' tlett elef, mija u hmistax-il lira Maltin (LM3,115)."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-18 ta' Gunju, 2003 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma l-istess sentenza inkwantu tikkonfermaha fejn naqqset mit-talba attrici l-ammont ta' mitejn lira (LM200) relattiv ghat-tindif u naqqset ukoll is-somma ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltin (LM685) bhala *over measurement* min-naha ta' l-attur u thassarha tirrevokaha u tannullaha kwantu ghall-kumplament billi

tichad it-talbiet attrici u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat talab li l-appell tas-socjeta` konvenuta jigi michud ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza previa okkorrendo dikjarazzjoni illi dan l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju u tikkundanna lill-appellanti thallas l-ispejjez doppji.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Is-socjeta` appellanti indikat zewg aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn gew hekk sintetizzati fir-rikors ta’ l-appell:
(i) in-nuqqas ta’ l-ewwel Qorti milli tindirizza l-inadempjenza kuntrattwali da parti ta’ l-attur kif ukoll il-penali illi wehlet il-konvenuta minhabba l-inadempjenza fit-terminu stipulat da parti ta’ l-attur;

(ii) nuqqas ta’ distinzjoni da parti ta’ l-Onorabbli Prim Awla bejn r-*retention fee* u *measurement fee*.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-inadempjenza kuntrattwali ta’ l-attur.**

Dan l-aggravju, tista’ tghid, huwa marbut ma’ l-ezitu ta’ proceduri li gew istitwiti mis-socjeta` konvenuta f’sede ohra kontra l-attur odjern sabiex dan jigi dikjarat responsabbli ghad-danni u penali ghal dewmien fix-xoghol. Infatti fir-raba’ eccezzjoni moghtija mis-socjeta` konvenuta jinghad espressament hekk:
*“Illi s-socjeta` konvenuta kontestwalment qed tipprezenta Avviz fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) peress li l-kontro-talba testendi l-gurisdizzjoni u mhux il-kompetenza in vista ta’ l-emendi introdotti recentement rigward il-kompetenza u ghaldaqstant is-socjeta` attrici[recte: konvenuta] qed titlob <u>is-soprasessjoni minn din il-Qorti</u> jew taghti direttivi sabiex dawn iz-zewg kawzi jigu ko-ordinati.”*

Fir-rikors ta’ l-appell, dejjem fir-rigward ta’ dan l-aggravju, jinghad li “*L-attur ma jistax ragonevolment fic-cirkostanzi*

*jippretendi impunita` ghan-nuqqas u dewmien tieghu; veru illi ma hemmx talba ad hoc ghad-danni, izda dan iwassal ghal estensjoni ohra ta' l-aggravju u cioe` illi l-ewwel Onorabbli Qorti injorat totalment l-eccezzjoni illi hemm kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-kundanna* [u] *hlas ta' danni u telf konsegwenti mill-penali ……*"

Illi effettivament il-proceduri imsemmija fin-nota ta' eccezzjonijiet kienu gew istitwiti b'Avviz Numru 663/01 DM u b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, wara li din ikkonfermat is-sentenza in Prim Istanza moghtija fit-12 ta' Jannar, 2005, it-talba tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut Tony Mallia Bonello jigi kkundannat ihallas is-somma ta' LM2,500 rapprezentanti danni u penali ghal dewmien ta' xoghol li l-konvenut gie inkarigat jaghmel mis-socjeta` attrici, <u>giet michuda</u>.

Il-kwistjoni tal-penali ghalhekk illum ghandha tigi kunsidrata maghluqa u konsegwentement dan l-aggravju ma jistax jigi akkolt.

**Dwar il-1% measurement fee.**

Fis-sentenza appellata jinghad hekk fir-rigward:
"*Illi fl-opinjoni tal-Qorti mill-mod kif redatt il-kuntratt jirrizulta li tali percentagg ghall-kejl gie indikat u nkluz bhala parti mir-retention fee bil-konsegwenza li l-istess ammonti ta' flus mizmuma kellhom jigu ritornati jew imhallsa mill-[recte: lill-] attur fi zmien erba' xhur mit-tkomplija ta' l-istess xogholijiet….*"

Fil-klawsola numru (4) ta' l-Agreement for Sub-contract Works (Dok TMB1 fol. 33, 34 tal-process) taht l-intestatura **Terms of payment** jinghad hekk:
*(a) 1% to be retained as quantity surveying measurement fees.*
*(b) 9% to be ratained as retention.*
*(c) Valuations to be issued monthly, balanced of certified valuation to be paid within two weeks, subject to works being accepted by the client.*
*(d) Retention to be paid after four months from completion of works.*

Dwar dan fir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta jinghad hekk:
"Illi riferribilment ghat-tieni aggravju dwar in-nuqqas ta' distinzjoni ta' parti ta' l-Onorabbli Qorti Prim Awla bejn r-retention fee u l-measurement fee, fin-nota ta' sottomissjonijiet s-socjeta` konvenuta qalet li huwa minnu illi d-dicitura tal-kuntratt hija infelici fis-sens (1% to be retained) minflokk imnaqqsa. L-esponenti tirriferi ghall-prattika kostanti fl-industrja tal-kostruzzjoni illi l-1% measurement fee titnaqqas u tigi trattata bhala retention money, jigifieri tinzamm lura temporanjament. Fl-istess nota gie rilevat ghal kull buon fini illi l-attur stess ma ikkontestax illi l-kejl ta' wiehed fil-mija (1%) kien "deduction" u mhux "retention" – apparti kollox konswetudini fl-industrja tal-bini. Inoltre, u hawn allura l-esponenti taghmel referenza ghar-ragjonament ta' l-ewwel Qorti illi jizdied jinghad li meta ssir riferenza ghall-kuntratt innifsu taht *terms of payment* jinghad *inter alia* li: *(a) 1% to be retained as quantity surveying fees, (b) 9% to be retained as **retention**….(d) retention to be paid after four months from completion of works."* Meta s-socjeta` konvenuta rreferiet ghad-9% specifikat li din kienet *retention* fil-waqt li a rigward l-1% dan ma sarx. Hija espressa b'mod car univoku li ma ghandha thalli ebda dubju jew spazju ghall-interpretazzjoni. Bl-istess argument dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti kif ikkunsidrat l-ewwel Qorti, bl-istess mod u manjiera japplika l-istess argument u cioe` *in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat."*

Wara li hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni din il-Qorti tasal biex tghid li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti ma ssib ebda fondament fil-mod kif inhi redatta l-klawsola numru 4 tal-ftehim. Infatti hemm distinzjoni netta bejn dak li kellu jigi "retained" pendenti l-ezekuzzjoni tal-kuntratt, liema "retention" normalment issir biex jkun hemm garanzija ta' l-ezekuzzjoni tajba tax-xogholijiet in corso, u dak li huwa indikat bhala "measurement fee" dovut lis-socjeta` konvenuta ghall-kejl li hija taghmel ta' l-istess xogholijiet biex jkun jista' johrog ic-certifikat ghall-hlas ta' l-attur. Il-kelma "retained" fir-rigward tal-"measurement fee"

ma ghandha ebda konnessjoni ma' dak li hemm fil-paragrafu (b) ta' l-istess klawsola fejn il-ftehim jitkellem specifikatament fuq "retention" u liema "retention" skond il-paragrafu (d) kellu jithallas lill-attur wara li jghaddu erba' xhur mill-ezekuzzjoni tax-xogholijiet. Huwa mistenni, u dan ma jidhirx li hu kkontestat mill-istess attur, li s-socjeta` konvenuta tithallas ghal dak li hija taghmel li f'dan il-kaz huwa il-kejl tax-xogholijiet. Infatti meta l-attur xehed fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2001 b'risposta ghall-mistoqsija tad-difensur tieghu dwar kif kellu jsir il-hlas huwa jghid espressament hekk "*90 fil-mija imbaghad id-disa' l-ohra nohduhom fl-ahhar.*" Il-wiehed fil-mija li ma kienx ser jicevi l-attur kien proprju dak l-ammont li jirraprezenta l-*measurement fees*. U kien proprju ghalhekk li dan l-ammont dovut huwa indikat bhala "Fees". Ma taghmilx sens li dak li huwa dovut bhala 'fees' ghal xoghol ezegwit jerga' jinghata lil dik il-parti li tkun uzufruwit mill-istess xoghol. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat.

Illi ghal dak li huwa ammont li konsegwentement ghandu jigi kreditat lis-socjeta` konvenuta bhala "measurement fee" il-Qorti taghmel referenza ghad-dokument TF1 (a fol 108) minn fejn jirrizulta li l-valur totali tax-xogholijiet ezegwiti mill-attur kien jammonta ghas-somma ta' LM20,096.73 u li konsegwentement l-"Measurement fee" dovut lill-istess socjeta`, komputat bil-1%, jammonta ghas-somma ta' LM200.97. Dan l-ammont ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-bilanc dovut lill-attur biex b'hekk il-bilanc finali dovut jkun ta' elfejn disa' mija u erbatax-il lira Maltin u tlett centezmi (LM2,914.03).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata limitatament billi tiddikjara li s-socjeta` konvenuta appellanti kienet dovuta l-"measurement fees" fl-ammont ta' mitejn lira Maltin u seba' u disghin centezmu (LM200.97), b'dana ghalhekk li l-bilanc rimanenti dovut lill-attur huwa ta' elfejn disa' mija u erbatax-il lira Maltin u tlett centezmi (LM2,914.03); u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas dan l-ammont lill-attur bl-imghax legali kif deciz fis-sentenza appellata; u tichad l-appell ghar-rimanenti.

Fic-cirkostanzi, anke billi l-varjazzjoni fl-ammont in kwistjoni hija wahda zghira, l-ispejjez, kemm tal-prim istanza u kemm ta’ dan l-appell, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------